**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**MR. ALFRED PERINI**
**DR. ANDREW SCIBERRAS**

**21 ta' Jannar 2019**

**Rikors Numru 40/2015**

**Manuel Cutajar**

**Vs**

**Awtorita` ghat-Trasport f'Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ipprezentat minn **Manuel Cutajar** fid-19 ta' Gunju 2015 li permezz tieghu ppremetta s-segwenti:

*"Illi fit-30 ta' Mejju 2015 ir-rikorrent ha konjizzjoni ta' ittra mibghuta lilu mill-avukat Dott. Chris Cilia ghan-nom tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta bid-data tat-28 ta' Mejju 2015 (ara Dok A hawn anness) fejn gie informat illi,*

1. *"…the licence which had been issued for vehicle in caption (ZXY676) as a Vintage Bus is being hereby revoked with immediate effect."*
2. *"Upon examination of all the circumstances of the case, the Authority has reached the conclusion that the vehicle for which you had applied for the issuance of a licence as a vintage bus is effectively one of the replaced models of the motor bus which was originally licensed as Bus 3119…."*
3. *"…since the 'vehicle' for which the application for the issuance of licence (sic) as a Vintage Bus is effectively merely a body or model divested of any licence, such 'vehicle'*

*cannot be considered as a 'motor route bus' for the purposes of licensing as a vintage bus"*

4. *"..the said vehicle shall be removed from the list of vehicles on your Operator's Licence;"*

*u fejn gie mitlub irodd lura lill-istress Awtorita` il-logbook, il-licence disc u r-registration plates tal-istess vettura, fost l-ohrajn.*

*Illi ir-rikorrent hass ruhu aggravat bid-decizjoni u/jew konkluzjoni li gie nfurmat biha, u ghalhekk, permezz tal-prezenti, qed jinterponi dan l-umli appell ai termini tal-Artikolu 40 tal-Kap 499, peress illi, fost ragunijiet ohrajn, fil-fehma tieghu l-Awtorita` waslet ghad-decizjoni u l-konkluzjonijiet taghha hekk kif imfissra fl-ittra tal-avukat Dott. Chris Cilia wara li ghamlet apprezzament kompletament zbaljat tal-fatti, u interpretat u applikat il-ligi skorrettament, b'konsegwenza illi bidlet decizjoni taghha stess li kienet ittiehdet xhur qabel wara konsiderazzjoni dettaljata .*

*Illi ir-rikorrent ser jelenka il-fatti hekk kif graw::*

*Illi fit-23 ta' Settembru 2014, ir-rikorrent kiteb lill-Awtorita ghat-Trasport f'Malta (l-"Awtorita`") fejn applika biex jinghata licenzja sabiex juza l-vintage bus tieghu, li dakinhar kellha n-numru ta'registrazzjoni ZIN 676, ghas-Servizz ta' Garr tal-Passiggieri u ghal Rotot ta' Trasport Ghat-Turisti skont partijiet X u XI tar-Regolamenti Dwar Servizzi ta' Garr tal-Passiggieri (Leg. Suss. 499.56) (ir-"Regolamenti"), a bazi tal-fatt illi l-imsemmija vintage bus kienet tikkwalifika biex tinhareg tali licenzja ghal dan l-uzu peress illi kient taqa' pjenament fid-definizzjoni ta' vintage bus skont l-imsemmija regolamenti, specifikament l-Artiklu 2 (ara Dok B hawn anness):*

*"vintage bus" tfisser vettura għall-ġarr tal-passiġġieri li l-kumpartiment tal-magna tagħha jkun jinsab fuq quddiem tal-windscreen tagħha, u li kienet -*

(a) *manifatturata u reġistrata f'Malta bħala* motor route bus *qabel l-1 ta' Jannar, 1960, u baqgħet hekk reġistrata għallanqas ħames snin konsekuttivi qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, jew*
(b) *manifatturata qabel l-1 ta' Jannar, 1960 u reġistrata f'Malta bħala vettura bil-mutur għall-ġarr tal-passiġġieri qabel l-1 ta' Jannar, 1992; u baqgħet hekk reġistrata għallanqas ħames snin konsekuttivi qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti.*

*Illi fl-14 ta' Jannar 2015, l-Awtorita` (fil-persuna tac-Chief Officer , ta' dak iz-zmien, tal-Land Transport Directorate, is-Sur Konrad Pule`) kitbet lir-rikorrent fejn informatu, b'mod inekwivoku, illi t-talba tieghu, flimkien mad-dokumenti li kien ipprezenta, kienu mistharrga u rrizulta li l-vettura ZIN 676 setghet tigi licenzjata ghall-iskopijiet li ghalihom kien applika r-rikorrent, u cioe` ghall-garr strasali ta' passiggieri b'kiri jew kumpens, peress illi kienet tissoddisfa d-definizjoni ta' vintage bus moghtija mir-Regolamenti Dwar Servizzi ta' Garr tal-Passiggieri. Fl-istess ittra r-rikorrent gie infurmat ukoll illi, allura, seta' jillicenzja l-vettura ghal dan l-uzu u sahansitra stednitu jmur fl-ufficcju tal-licenzji ghal dan il-ghan (ara Dok "C" hawn anness).*

*Illi konsegwentement ir-rikorrent ikkonkluda l-process tal-licenzjar ghall-uzu tal-vintage bus skont ir-Regolamenti, liema process kien jinkludi kemm spezzjoni mill-Awtorita` u kemm il-Vehicle Roadworthiness Test, inhargulu c-certifikati kollha mehtiega skont il-ligi (ara Dok 'D,' 'E' u 'F' annessi) u beda joffri s-servizzi li ghalihom hija licenzjata l-vettura u rcieva diversi bookings ghall-istess uzu, liema bookings ikopru wkoll diversi okkazzjonijiet futuri (bhal tigijiet u konferenzi internazzjonali li jsiru f'Malta) li ghalihom ir-rikorrent ikkommetta ruhu ma' diversi klijenti;*

*Illi r-rikorrent kien ilu hames (5) xhur jopera l-vintage bus (li, wara l-licenjzar ghall-uzu tal-garr tal-passiggieri inbidlilha in-numru tar-registrazzjoni taghha mill-Awtorita' stess skont il-ligi biex jigi rifless il-fatt illi l-vettura tista taghmel tali uzu u li hija vintage bus, ghal ZXY676) minghajr ma l-Awtorita' per se qatt ma informatu li kienet qeghda tbiddel id-decizjoni taghha, hlief ghall-ittra mibghuta mill-Avv. Dott. Chris Cilia ghan-nom ta' l-Awtorita`. Dan il-fatt fih innifsu wkoll huwa stramb meta wiehed iqis illi hija prassi normali, jekk mhux ukoll obbligu legali, illi decizjoni ta' Awtorita` stabbilita mil-ligi tigi kkomunikata mill-Awtorita` stess.*

*Illi r-rikorrent irrisponda b'mod dettaljat, permezz tal-avukat Dott George Said, ghall-ittra tal-avukat Dott Chris Cilia, b'kopja lic-Chairman ta' l-Awtorita`, izda din baqghet mhux imwiegba sad-data li fiha gie ntavolat dan l-appell (ara Dok. 'G' hawn anness), u ghalhekk kellu jsir dan l-appell odjern.*

*Illi r-rikorrenti hassu aggaravat b'dina d-decizjoni u dana minhabba s-segwenti ragunijiet.*

***<u>Punti ta' Kontestazzjoni</u>***

1. *Illi l-konsiderazzjonijiet maghmula mill-Awtorita` hekk kif elenkati u mfissra fl-ittra tat-28 ta' Mejju 2015 tal-avukat Dott. Chris Cilia huma, bir-rispett kollu, fallaci u minghajr bazi la fattwali u wisq anqas guridika, hekk kif imfissra fir-risposta tal-avukat George Said, u cioe', in sintesi, illi:*

- *Ir-rikorrent qatt ma applika biex tinhariglu licenzja ta' vintage bus 'per se'. L-applikazzjoni li kienet saret kienet wahda ghall-uzu ta' vintage bus ghal-garr tal-passiggieri kif ikkontemplat mill- partijiet X u XI tar-Regolamenti . Il-fatt li l-vettura in kwestjoni kienet vintage bus johrog awtomatikament mid-definizzjoni cara li tinsab fir-Regolamenti, u ma kien hemm l-ebda dubju, anke ghall-istess Awtorita`, illi din il-vettura kienet taqa` f'dik id-definizzjoni.*
- *L-Awtorita`, b'xi mod li ghadu sal-lum mhux car jew abbazi ta' informazzjoni totalment skorretta jew immaginazzjoni fil-limiti tal-fertilita`, waslet ukoll ghall-konkluzjoni inkomprensibbli illi l-vettura 'de quo' kienet "one of the replaced models of the motor bus which was originally licensed as Bus 3119 (with the registration number subsequently changing to Y-1377, Y0676 and eventually FBY-676...." u li kienet "effectively merely a body or model divested of any licence", meta l-istess vettura kienet intuzat ghal ghexieren ta' snin sa mis-snin erbghin bhala karozza "tal-linja" (motor route bus) (ara ritratti annessi Dok 'H' u 'I'), u meta d-dokumentazzjoni diversa u storika li tikkoncerna l-vettura turi bic-car illi si tratta tal-istess vettura (ara kopji ta' logbooks, specifikament il-Vehicle Identification Number, Dok 'J', 'K' u 'L').*

2. *Illi essenzjalment u kwazi unikament il-kunsiderazzjoni fl-istharrig necessarju ghal din il-kwestjoni, hi fir-rigward tad-definizzjoni li tinghata mir-Regolamenti (SL 499.56) ghal vintage bus , li hija semplici u cara u ma ghandu jkun hemm l-ebda dubju, anzi hemm ic-certezza kif diga kkonfermata mill-Awtorita` stess, illi l-vettura tar-rikorrent tissoddisfa tali definizzjoni.*

3. *Illi r-rikorrent ma jistax jifhem x'wassal jew x'gieghel lill-Awtorita` li taghmel dak li gie deskritt fl-ittra tal-avukat Dott Chris Cilia bhala "examination of all the circumstances of the case", hames xhur wara li l-istess Awtorita` kienet harget il-licenzja mitluba, meta kienet l-istess Awtorita` li kienet ghamlet diversi xhur ohra tikkonsidra u tezamina t-talba tar-rikorrent bir-reqqa, u wara li saru diversi laqghat kemm mar-rikorrent u kemm internament, u wara li l-Awtorita kienet hadet il-pariri kollha necessarji, inkluz dawk legali, sabiex dana jsehh.*

4. *Illi, bla pregudizzju ghal kwalunkwe konsiderazzjoni ohra, izda b'importanza li ma tistax tigi njorata, ir-rikorrent investa ammont mhux zghir ta' flus u hin biex il-vintage bus 'de quo' terga` tinghata l-hajja u tkun restawrata skont is-sengha u l-arti kif ukoll tkun mghammra, sa fejn kien possibbli, ukoll jekk ma kienx rikjest mil-ligi, b'teknologija moderna bhalma hi magna li kapaci tahdem bil-gass (LPG) (ara kopja ta' ricevuta Dok 'M' anness). Barra minn hekk, ir-rikorrent, kif diga msemmi u kif ser jigi ppruvat fl-andament tal-proceduri, wara l-ittra tal-Awtorita` tal-14 ta' Jannar 2015, beda jiehu diversi bookings ghall-uzu tal-vintage bus u dawn baqghu dehlin, tant illi r-rikorrent ghandu diversi commitments kemm ma' klijenti lokali u kemm ma' klijenti barranin ghal events li ghad iridu jsehhu, u ghalhekk id-decizjoni tal-Awtorita` ser tirrekalu danni ingenti inkluz telf ta' qliegh.*

5. *Illi, ukoll bla pregudizzju, il-vintage bus 'de quo' , flimkien ma' vintage buses ohrajn, jew vetturi karatteristici ohrajn li l-Awtorita` tippermetti li jintuzaw bhala vintage buses ghall-garr tal-passiggieri, jikkostitwixxu mhux biss attrazzjoni unika fl-industrija lokali tat-turizmu, u jigbdu l-ammirazzjoni kemm ta' min izur lil pajjizna u kemm tal-Maltin stess, imma huma wkoll xhieda hajja tat-talent Malti fl-uzu tas-sengha u l-arti li kapaci jaghti l-hajja u jzomm haj oggett li, altrimenti, kien jiddeterjora u jintilef ghal dejjem (ara ritratt anness Dok 'N').*

6. *Illi, finalment, jidher li l-operat tar-rikorrent ghal dak li jirrigwarda din il-vintage bus gie singled out minn fost diversi operaturi ohrajn li qed jithallew joperaw vetturi bl-istess karatteristici, u ohrajn b'karatteristici differenti, bhala vintage buses, u ghalhekk ir-rikorrent qed ihossu diskriminat.*

*Ghaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett lil dan it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva sabiex a bazi tal-fuq premess u provi ohra li jistghu jingiebu waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors jghaddi sabiex jannulla, ihassar u jirrevoka d-decizjoni, u l-istruzzjonijiet lir-rikorrent, mehuda u moghtija mill-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta hekk kif deskritti fl-ittra tat-28 ta' Mejju 2015 mibghuta mill-avukat Dott Chris Cilia, stante li ma' ghandiex tibqa' tissussisti fil-konfront tar-rikorrent peress li hija abbuziva, illegali, ingusta, diskriminatorja, ibbazata fuq gharfien skorrett*

*tal-fatti u nterpretazzjoni skorretta tal-ligi, u comunque mhux skond il-ligi, u qeghda tirreka danni ngenti lir-rikorrent, hekk kif 'l fuq premess u dana taht dawk il-provvedimenti kollha li dan it-Tribunal jidhirlu xierqa u opportuni.*

*Bl-ispejjez kollha kontra l-Awtorita' Intimata li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni u b'rizerva ghal kull azzjoni ta' danni spettanti lir-rikorrenti kontra l-istess Awtorita' bhala konsegwenza ta'dak kollu suespost. "*

Ra r-risposta tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta datata 13 ta' Lulju 2015 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:

"

*1. Illi l-appell interpost mill-appellant Manuel Cutajar ghandu jigi michud stante illi d-decizjoni mehdua mill-Awtorita' rispondenti hija wahda gusta, korretta u skond il-ligi u bbazata fuq interpretazzjoni korretta tal-provvedimenti tal-ligi relattivi ghall-hrug ta' licenzja ta' vintage bus ghall-uzu tal-garr tal-passiggieri stante illi huwa bil-wisq car u manifest illi body ta' vettura illi l-licenzja taghha baqghet in vigore uzata fuq vettura ohra li sadanittant baqghet licenzjata bhala motor route bus ma tistax tikkwalifika u tigi kunsidrata bhala motor route bus ghall-finijiet biex din tigi licenzjata bhala vintage bus; altrimenti dan ikun ifisser illi kull body ta' vettura illi xi darba kienet tintuza bhala motor route bus u li l-licenzja taghha baqghet in vigore sservi vettura ohra illi rrimpjazzatha tikkwalifika bhala vintage bus, u tali interpretazzjoni certament illi mhijiex in linea la mal-ispirtu u lanqas mal-kelma tal-ligi u zgur li mhix konformi mal-volonta tal-legizlatur. Dan kif se jigi ampjament ippruvat fil-kors tat-trattazzjoni ta' dan l-appell.*

*2. Illi l-Awtorita' rispondenti tichad bl-izjed mod kategoriku illi hija agixxiet jew tagixxi b'mod diskriminatorju mal-appellant kif minnu allegat fir-rikors tal-appell promotur.*

*3. Illi ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud bl-ispejjez."*

Sema' x-xhieda;

Ra l-affidavit ta' Kondrad Pule`;

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassu aggravat b'decizjoni tal-Awtorita` intimata kontenuta f'ittra datata 28 ta' Mejju 2015 li permezz taghha gie mgharraf bis-segwenti:

*"As already verbally advised in the course of the meeting held on the 15th May, 2015, the licence which had been issued for vehicle in caption as a Vintage Bus is being hereby revoked with immediate effect.*

*Upon examination of all the circumstances of the case, the Authority has reached the conclusion that the vehicle for which you had applied for the issuance of a licence as a vintage bus is effectively one of the replaced models of the motor bus which was originally licenced as Bus 3119 (with the registration number subsequently changing to Y-1377, Y-0676 and eventually FBY-676 when the said licence was withdrawn).*
*Consequently, since the 'vehicle' for which the application for the issuance of licence as a Vintage Bus is effectively merely a body or model divested of any licence, such 'vehicle' cannot be considered as a 'motor route bus' for the purposes for the purposes of licensing as a vintage bus.*
*You are therefore hereby being called upon to surrender to the Authority the log-book, license disc and registration plates of the vehicle in question with immediate effect.*
*Furthermore, the said vehicle shall be removed from the list of vehicles on your Operator's Licence; to this effect, you are hereby requested to submit to the authority, with immediate effect, the original of your Operator's Licence and the true copy of the original Operator's Licence so that these may be amended accordingly, together with the Operator's windscreen licence and the driver's certificate pertaining to the said vehicle. Said request is to be complied with immediately. You are also being requested to fill in the relative application form [CPOL-X7].*
*Clearly, in view of the above, any pending requests to effect passenger transport services with the vehicle in caption cannot be upheld."*

Illi mill-provi jirrizulta illi f'Settembru tal-2014 ir-rikorrent talab lill-Awtorita` intimata sabiex jinghata licenja sabiex juzu *vintage bus* bin-numru ZIN 676 ghas-servizz ta' garr ta' passiggieri u sabiex juzaha fuq ir-rotot ta' trasport ghat-turisti u dan skond ir-Regolamenti Dwar Servizzi ta' Garr tal-Passiggieri. F'Jannar 2015 l-Awtorita` intimata approvat it-talba tieghu u wara li ottjena l-licenzja biex jopera l-istess *bus* huwa beda joffri s-servizzi tieghu bl-istess *bus*. Wara cirka hames (5) xhur jopera l-istess *bus* huwa gie nfurmat permezz ta' ittra tal-konsulent legali tal-Awtorita` intimata li l-istess Awtorita` kienet qieghda tbiddel id-decizjoni taghha kif elenkat fil-paragrafu precedenti.

**Ir-rikorrent** spjega illi huwa xtara l-vettura in kwistjoni fis-sena 2000 bl-intenzjoni li jirrestawraha. Jispjega li fl-2013 l-Awtorita` intimata taghtu permess temporanju biex jiccirkola biha peress li ried juzaha ghat-tieg ta' ohtu, pero` l-intenzjoni tieghu kien illi wara jibda juzaha kummercjalment u ghalhekk kompla b'diskussjonijiet mal-ufficjali tal-Awtorita` intimata sakemm fl-2015 gie nfurmat li l-istess Awtorita` kienet se tapprova t-talba tieghu u fil-fatt gie moghti l-*plates* ZXY 676. In kontro-ezami spjega illi huwa ghamel tlettax-il sena jirrestawra l-vettura *de quo* u li fl-istess perjodu ma kinitx qed tintuza fit-triq. Jispjega li huwa xtraha bla pjanci tar-registrazzjoni u bla *log book*. Jispjega li l-vettura *de quo* kienet garaxxjata fl-1990 u jaqbel illi l-pjanci ta' registrazzjoni taghha marru fuq *replacement vehicle* u baqa' jintuza fuq karozza tal-linja ohra.

**Sylvana Bartolo**, *Deputy Chief Officer* mal-Awtorita` intimata, stqarret illi d-decizjoni li tigi rtirata il-licenzja *de quo* kienet ittiehdet ghaliex l-istess vettura kienet hadet is-sussidju fuqha meta l-Gvern kien hareg skema meta kien hawn ir-riforma tat-trasport pubbliku. Ix-xhud spjegat li ghalkemm ir-rikorrent kien hareg il-vettura in kwistjoni bhala *undocumented* (li jfisser li m'hemm l-ebda rekord taghha) fil-fatt kien hemm *file* relatat maghha fl-Awtorita`. Tispjega li mid-dokumenti li kellha l-Awtorita` rrizulta li l-vettura in kwistjoni kien giet rimpjazzata

b’vettura ohra u ghalhekk ghall-Awtorita` kienet vettura “mejta” u mhux suppost kienet qieghda ticcirkola fit-triq.

Fir-rigward tal-iskema tar-riforma tat-trasport pubbliku ix-xhud qalet illi kien hemm tliet (3) karozzi tal-linja biss li kienu jikkwalifikaw bhala *vintage bus*, u li l-vettura in kwistjoni ma kinitx wahda minnhom. Fir-rigward tal-vettura in kwistjoni ix-xhud tghid li l-*file* relattiv kien infetah fl-1934 u l-vettura originarjament kienet *Bus No: 3119* fuq il-linja ta’ Bormla. Matul is-snin is-sidien ta’ din il-vettura bidlulha l-magna taghha sakemm fl-1970 certu Joseph Meli xtraha minghand Meli Brothers sabiex fl-1971 bieghha lil certu Luigi Baldacchino li da parti tieghu, fl-1977 bieghha lil certu Carmelo Falzon li fl-1979 bieghha lil certu Anthony Buhagiar li fl-1981 ittrasferiha lil certu Joe Falzon. Maz-zmien in-numru ta’ din il-*bus* minn 3119 inbidel ghal Y-1377 u izjed tard ghal Y 0676. Fl-1990 saret talba minn Joe Falzon biex jibdel l-imsemmija *bus* ma’ ohra bin-numru Y 0877 u l-vettura bin-numru Y-0676 giet iggaraxxjata u l-*logbook* u l-pjanci gew ritornati lill-Pulizija. Madankollu, skond ix-xhud, fil-*file* hemm evidenza li l-*bus* Y 0676 baqghat tintuza bhala karozza tal-linja u jirrizulta illi f’xi zmien giet trasferita fuq certu Paul Camilleri. Sussegwentement in-numru taghha inbidel ghal FBY 676 u l-licenzja taghha giet irtirata meta saret ir-riforma fil-qasam tat-trasport pubbliku bis-sid taghha, Paul Camilleri, ghazel l-offerta A li jffiser li gie kkumpensat bi hlas ta’ €92,700 ghall-irtirar tal-licenzja b’dan pero li seta’ jzomm il-vettura ghal uzu privat u mhux ghall-garr tal-passiggieri. Sussegwentement fl-2013, ir-rikorrent applika sabiex il-vettura tieghu tigi licenzjata bhala *vintage bus* u wkoll biex jerga’ jirregistra l-vettura bhala *undocumented*. Fis-sena 2015 l-Awtorita` intimata approvat it-talba tar-rikorrent biex l-istess vettura tigi licenzjata bhala *vintage* u giet assenjata n-numru ta’ registrazzoni ZXY 676. L-istess licenzja giet revokata ftit xhur wara stante li l-vettura ma kinitx tikkwalifika bhala *vintage bus* stante li lanqas biss kienet meqjusa bhala “vettura” fis-sens tal-ligi izda biss *body* minghajr numru ta’ registrazzjoni.

**Vince Micallef Pule`**, *Senior Manager* fid-Direttorat tat-Trasport fuq l-Art, spjega illi fl-2012 kien hemm skema tal-*undocumented vehicles* li permezz taghha l-Awtorita` intimata kienet tat il-possibilita lil kull min kellu vettura illi ma kinitx dokumentata, igifieri li kellha r-rekords mitlufin, sabiex terga’ tigi registrata u jikklassifkaha bhala vettura *vintage*. Jispjega li l-karozza tal-linja bin-numru FBY 676 kienet inghatat parti kumpens ghall-irtirar tal-licenzja taghha taht l-iskema tar-riforma tat-trasport pubbliku.

**Joseph Borg**, sid ta’ vetura ghall-garr tal-passiggieri *vintage* bin-numru GXY 636, spjega li meta fl-2011 kienet saret ir-riforma tat-trasport pubbliku huwa, *qua* sid ta’ xarabank, kien ghazel li minflok jiehu kumpens shih, jibqa’ jahdem biha. Din l-ghazla kienu ghamluha biss tliet (3) sidien minn hames mija u tmienja. Jispjega li l-vettura tar-rikorrent kienet ilha wieqfa snin milli topera bhala karozza tal-linja u kienet giet rimpjazzata b’vettura ohra. Jghid li fiz-zmien tar-riforma tliet vetturi biss kien hemm li kellhom il-forma tal-vettura tar-rikorrenti izda dik tar-rikorrent ma kinitx wahda minnhom.

**Konrad Pule`**, Kap tad-Direttorat tat-Trasport fuq l-Art fi hdan l-Awtorita` intimata, spjega illi r-rikorrent kien applika biex jirregistra u jillicenzja xarbank antika bhala *vintage bus* biex tintuza b’kiri jew kumpens. Skont l-interpretazzjoni tieghu il-vettura *de quo* dak iz-zmien ma kinitx tissodisfa wahda mill-kriterji ewlenin u cioe li l-vettura kellu jkollha licenzja valida biex topera servizz ta’ garr ta’ passiggieri fiz-zmien meta saret l-applikazzjoni. Peress li r-rikorrent u l-

konsulent legali tieghu baqghu jinsistu li x-xarabank kien eligibbli biex jitqies bhala *vintage bus* huwa talab parir legali u l-parir li nghata kien li l-Awtorita` intimata kellha tilqa' t-talba tar-rikorrent u kellha tohrog il-licenzja ghall-uzu tal-vettura bhala *vintage bus*.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassu aggravat b'decizjoni tal-Awtorita` intimata li rtiratlu licenzja sabiex juza xarabank bhala *vintage bus*, liema licenzja kienet giet koncessa lilu ftit tax-xhur qabel.

Illi ai termini tar-Regolament 2 tar-Regolamenti Dwar Servizzi ta' Passiggieri (LS 499.56):

*" vintage bus tfisser vettura għall-ġarr tal-passiġġieri li l-kumpartiment tal-magna tagħha jkun jinsab fuq quddiem tal-windscreen tagħha, u li kienet -*
***(a) manifatturata u reġistrata f'Malta bħala motor route bus qabel l-1 ta' Jannar, 1960, u baqgħet hekk reġistrata għallanqas ħames snin konsekuttivi qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti**, jew*
*(b) manifatturata qabel l-1 ta' Jannar, 1960 u reġistrata f'Malta bħala vettura bil-mutur għall-ġarr tal-passiġġieri qabel l-1 ta' Jannar, 1992; u baqgħet hekk reġistrata għallanqas ħames snin konsekuttivi qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti."*

Illi l-istess Regolamenti dahlu fis-sehh fis-sena 2009.

Illi l-partijiet ghamlu dibattitu shih dwar il-kwistjoni jekk il-fatt li l-pjanci ta' registrazzjoni taghha inghataw lil xarabank iehor kienx jew le jiskwalifika lill-istess vettura milli terga' titpogga fit-triq, u iktar minn hekk jekk setghetx tigi licenzjata biex topera ghall-kiri jew kumpens bhala *vintage bus*.

Min-naha l-wahda l-Awtorita` intimata ssostni li ghaliha l-vettura kienet qisha "mejta" ghaliex il-pjanci ta' registrazzjoni taghha gew trasferiti fuq vettura ohra u li kien baqa' kien biss hadid. Min-naha l-ohra r-rikorrent isostni li biex huwa jinghata l-licenzja biex jopera ma kienx hemm bzonn li din tkun ghadha registrata bhala *route bus* fil-mument li hu applika sabiex joperaha bhala vettura *vintage*. L-Awtorita` intimata ssostni wkoll illi s-sid tax-xarabank li ha l-pjanci tal-vettura tar-rikorrent kien gie kumpensat fir-riforma tat-trasport pubbliku u sahansitra kien ghazel offerta fejn gie kkumpensat somma flus u zamm il-vettura bi dritt li jaghmel **uzu privat minnha**.

Ir-rikorrent jargumenta illi fid-definizzjoni ta' *vintage bus* u fid-definizzjonijiet l-ohra kollha ikkwotati minnu fin-nota ta' sottomissjonijiet m'hemm xejn li jiskwalifika lill-vettura *de quo* milli tigi kkunsidrata bhala tali. Min-naha l-ohra l-Awtorita` intimata tishaq illi dak li ghandu r-rikorrent jista' jigi konsiderat biss bhala *body* jew *model divested of any license* u li certament ma tistghax tigi meqjusa bhal *motor route bus* ai fini ta' licenzjar bhala *vintage bus*.

Illi t-Tribunal wiezen l-argumenti kollha mressqa mill-partijiet u wara li ha konjizzjoni kemm tal-ligi u kemm tal-provi jasal biex jikkondividi l-argumenti tal-Awtorita` intimata. Il-vettura in kwistjoni kienet ilha ggaraxxjata sa mill-inqas mis-sena 2000, kwindi certament ma kinitx qieghda tintuza bhala *motor route bus*. Il-pjanci taghha twahhlu fuq vettura ohra, anke jekk sussegwentement b'diversi riformi gew mibdula minn dawk originali, u cioe` 3119, ghal Y 1377

ghal Y 0676 u sussegwentement ghal FBY 676, sakemm fl-2009/2010 harget skema ta' kumpens ghas-sidien tal-karozzi tal-linja u s-sid tal-vettura bil-pjanci FBY 676, certu Paul Camilleri, kien partecipi fl-imsemmija skema kif jirrizulta minn Dokument A a fol. 179 et seq tal-process.

Ghalhekk jirrizulta illi wara li l-vettura giet akkwistata mir-rikorrent din ma kienet bl-ebda mod licenzjata la ghal uzu privat u wisq inqas bhala *route bus* jew ghal xi uzu kummercjali iehor. Jirrizulta illi l-pjanci ta' registrazzjoni taghha kienu twahhlu fuq xarabank iehor sakemm giet fis-sehh ir-riforma tat-trasport pubbliku. Kwindi, ghall-Awtorita` intimata l-vettura *de quo* kienet "mejta" u ma setghet bl-ebda mod tigi riavvivata biex terga' tigi licenzjata biex toffri xi tip ta' servizz. Paul Camilleri kien gie kumpensat ghaliex l-Awtorita` intimata kienet qieghdha tirtiralu l-licenzja fir-rigward tal-istess *route bus* u kwindi ma jistghax b'xi mod jinghad illi l-licenzja li xi darba kienet tkopri l-vettura in kwistjoni kienet ghadu b'xi mod "hajja".

Illi fil-kors ta' dawn il-proceduri r-rikorrent ghamel referenza ghar-Regolamenti dwar il-*heritage buses* hekk kif johorgu mnn Avviz Legali 238 tal-2016. F'dawn ir-Regolamenti *"Malta heritage bus"* tfisser vettura ghall-garr tal-passiggieri illi giet mibnija f'Malta u li tkun registrata f'Malta bhala vettura ghall-garr tal-passiggieri qabel l-1 ta' Jannar 1975 u li kienet hekk registrata ghall-perjodu ta' mill-inqas hames snin konsekuttivi fi kwalunkwe zmien qabel id-dhul fis-sehh tal-istess Regolamenti u li:

(a) Mhijiex registrata bhala vintage bus,
**(b) Qatt ma kienet, fi kwalunkwe zmien, giet skrappjata jew iggaraxxjata u l-pjanci ta' registrazzjoni taghha bhala vettura licenzjata ghall-garr ta' passiggieri gew uzati fuq vettura ohra bhala rimpjazzament taghha.**

Ir-rikorrent issostni li din id-definizzjoni proprju ddahhlet wara li nqalghet il-kontroversja tal-kaz odjern u li allura tikkonferma il-posizzjoniji tieghu illi fil-kaz odjern fil-fatt l-Awtorita` intimata tat interpretazzjoni li ma kinitx fl-ispirtu tal-ligi ghaliex *ubi lex dixit, ubi noluit tacuit.*

Illi t-Tribunal ma' jaqbilx ma' din l-interpretazzjoni. Huwa ovvju li fil-kaz tar-Regolamenti tal-*heritage buses* il-ligi hija iktar ben definita u cara. Pero` ma jfissirx illi ghaliex ir-Regolamenti li jirregolaw il-*vintage buses* mhumiex espressi b'mod daqshekk car allura ma tista' tinghatalhom l-ebda interpretazzjoni logika. U l-interpretazzjoni logika li jista' jasal ghaliha dan it-Tribunal huwa li ladarba l-vettura in kwistjoni giet svestita minn kwalunkwe licenzja li kellha, u iktar minn hekk il-pjanci ta' registrazzjoni taghha gew trasferiti fuq vettura ohra, u s-sid tal-vettura li hadet il-pjanci li kienu fuq il-vettura in kwistjoni inghata kumpens biex tigi rtirata l-licenzja taghha u accetta li l-istess vettura, tibqa' uzata ghal uzu privat biss, allura bl-ebda tigbid ta' immaginazzjoni ma jista` jinghad illi l-vettura *de quo* tista' tigi kkonsiderata biex terga' tohrog fit-triq bhala *vintage bus*. Tant hu hekk li r-Regolamenti Dwar is-Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri dahlu in effett fl-2009 biex dawk il-persuni li kellhom karozzi tal-linja u li kienet se tigi rtirata l-licenzja tal-vetturi taghhom sabu qafas fejn ikomplu jahdmu u allura dan it-Tribunal hu iktar minn konvint illi l-ispirtu tal-istess Regolamenti ghandu jigi mifhum li kien sabiex ikun hemm certa kontinwita` bejn it-terminazzjoni tas-servizzi tal-karozzi tal-linja antiki u licenzjati u oqsma kummercjali godda fejn l-istess karozzi setghu jibdew joperaw, u kwindi mhux biex jigu riavvivati vetturi li kienu "mietu" l-mewta naturali taghhom.

Illi filwaqt li t-Tribunal japprezza x-xoghol li ha r-rikorrent biex irrestawra l-vettura *de quo*, jista' jkun li m'ghamilx ezercizzju minn qabel biex jesplora l-possibiltajiet tieghu u applika biss meta r-restawr kien komplet. Jista' jkun ukoll li l-insistenza li ghamlu r-rikorrent u d-difensuri tieghu biex tohrog il-licenzja, kif imsemmija mix-xhud Konrad Pule` fl-affidavit tieghu a fol. 138, wasslu lill-Awtorita` intimata biex tiehu decizjoni zbaljata u tohrog il-licenzja mitluba, biex wara ftit xhur tirtiraha. Dan kollu se jirrifletti fil-kap tal-ispejjez.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, qieghed jikkonferma d-decizjoni appellata datata 28 ta' Mejju 2015 (Dok A a fol. 6).

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet fuq esposti qieghed jichad it-talbiet tar-rikorrent filwaqt li jilqa' l-eccezzjonijiet tal-Awtorita` intimata.

Bl-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

____________________

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**